MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Numru. 132/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS GALEA SCANURA**

**KONTRA**

**NOEL AQUILINA ta' 34, iben il-mejjet Mario u Michaelina nee' Bajada, imwieled Tal-Pieta' nhar it-23.12.1975, residenti 62, Triq id-Dejqa, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 40976M; OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **NOEL AQUILINA** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-28 ta' Dicembru, 2001, gewwa Hal-Tarxien, ikkommetta serq ta' mutur tal-bahar Yamaha outboard,

liema serq jeccedi l-Lm100.00 izda ma jiskorrix l-Lm1,000.00 ghad-detriment ta' Lawrence Muscat, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, lok, u hin;

2. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg haddiehor, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

3. U aktar talli kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 19.10.2000 mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

4. U aktar talli kiser ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Dr T Micallef Trigona LL.D) datata 19.07.2000;

5. U aktar talli sar recidiv ta' serq wara li gie kkudannat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 19.10.2000 mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrrera LL.D liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll il-kunsens ta' l-imputat ghall-istess;

Rat ukoll l-ordni biex issir separazzjoni ta' gudizzju – ghalhekk dan il-gudikat huwa biss fil-konfront ta' Noel Aquilina;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti. wara li ezaminat l-istqarrija ta' l-imputat minnu rilaxxata u ezebita mill-Ufficjal Prosekutur bhala Dok NA a folio 21, kif ukoll ix-xhieda ta' George Vella, hija ferm konvinta mill-htija ta' Noel Aquilina fil-konfront ta' l-

akkuzi ta' serq lilu addebitati, kif ukoll it-tieni akkuza ta' ricetazzjoni.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti a folio 31 Dok NA 1, dik a folio 35 Dok NA;

Rat ukoll li l-unika prova ta' identita' li saret kienet biss bix-xhieda ta' l-Ispettur David Saliba. Ghaldaqstant ma gietx sufficjentement pruvata l-kwistjoni tal-ksur ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u lanqas ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis ghalhekk illi Noel Aquilina ghandu jigi liberat minn dan.

Dwar il-piena rat ukoll is-Social Inquiry Report u semghet ix-xhieda tal-ufficjal tal-Probation Services Marietta Lanzon. Semghet ghalhekk dwar il-progress li ghamel f'hajtu l-imputat. Tqis ghalhekk illi l-piena ghandha tkun wahda ta' inkorragjament ghalih;
Rat ghalhekk fil-konfront tal-htija misjuba l-Artikoli 267, 269, 270, 278, 279, u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll l-Artikoli 17 u 20 ta' l-istess Kapitolu;
Rat ukoll l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tillibera lil Noel Aquilina bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------